MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 2382/2004

**GAP Advisory Services Limited**
**vs**
**Chalmal Company Limited u b'digriet tas-17 ta' frar, 2005, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi isem is-socjeta` konvenuta jigi Chalman Catering Company Limited minflok Chalmal Company Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u hamsa u disghin lira Maltija (Lm295.00), dovut in relazzjoni ma' servizzi ta' konsulenza rezi u spejjez inkorsi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` Chalman Company Limited in konnessjoni ma' trasferiment ta' propjeta` immobbli sitwata gewwa l-Qawra, flimkien mat-taxxa fuq il-valur mizjud relattiv. Nonostante d-debiti nterpellanzi sabiex il-bilanc dovut jithallas (Dok.PGM1 sa PGM3) mis-socjeta` konvenuta din baqghet inadempjenti sal-gurnata tal-lum.**

**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-20 ta' Jannar, 2005, fejn intqal :**
**i. illi l-isem tad-ditta konvenuta mhux dak korrett ;**
**ii. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ;**
**iii. Illi l-atturi ghandhom jaghtu dettalji dwar l-ammont minnhom pretiz ;**
**iv. Illi l-kont originarjament mibghut mill-atturi kien wiehed ezagerat ghas-servizz moghti.**

**Semgha x-xhieda ta' Pierre Galea Mousu, David Pace, Edward Zammit, Manuel Attard u Charles Borg Grech. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**
**1. Is-socjeta' attrici qed tfittex is-socjeta' konvenuta ghal hlas ta' servizzi ta' konsulenza u spejjez relatati rigwardanti trasferiment ta' immobbli.**
**2. Mill-provi mid-Dok PGM 2 jirrizulta dettaljatament ghal xiex l-ammont qed jigi mitlub u cioe' ghal laqghat li saru max-xerrej prospettiv, kif ukoll ghal pariri dwar tassazzjoni. Pierre Galea Mousu spjega li r-rata taghhom hija ta' hmistax-il lira (Lm15.00) fis-siegha u skond hu x-xoghol kien involva 20 siegha (Dok GM 1) bhala hin kif ukoll pariri minghand esperti ohrajn ukoll. Huwa spjega li kienu kkonsultaw ma' Edward Zammit li kien hadilhom hamsa u sebghin lira (Lm75.00). L-attur jispjega li kien naqqas l-ammont reklamat ghal mitejn u hamsin lira (Lm250.00) piu' t-taxxa fuq il-valur mizjud.**
**3. Edward Zammit, accountant jikkonferma illi kien tahom il-pariri tieghu u li l-laqghat tieghu kienu hadu tlett sieghat u nofs.**
**4. Manuel Attard ghas-socjeta' konvenuta b'referenza ghad-Dok GM 1 fuq riferit ighid illi qatt ma ltaqghu ghal laqgha illi damet aktar minn siegha u nofs u li ltaqghu b'kollox xi tlieta jew erba' darbiet. Il-konvenut iddikjara illi hu ppretenda illi l-kont ikun ta' bejn sittin sa tmenin lira.**

**5. Jirrizulta li ma kienx hemm ftehim minn qabel dwar kemm kienet ser tkun ir-rata tal-hlas fis-siegha. Fic-cirkostanzi kien ikun ghaqli li l-partijiet ftehmu minn qabel dwar dan.**
**6. Tenut kont illi l-ammont reklamat minghajr VAT huwa ta’ mitejn u hamsin lira (Lm250.00), tenut kont illi saru mill-inqas erba’ laqghat, tenut kont ukoll li kien hemm il-parir ta’ specjalista fl-ammont ta’ hamsa u sebghin lira (Lm75.00) it-Tribunal iqis illi l-ammont reklamat fil-fatt ma huwiex ezagerat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u hamsa u disghin lira (LM295.00), bl-imghaxijiet dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mis-socjeta’ konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------